# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum id-29 t'Ottubru 2020**

Appell numru 535 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Vincent AGIUS u Mario GRIMA**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Diċembru 2017 fil-konfront ta' **Vincent AGIUS u Mario GRIMA** fejn ġew mixlija talli bejn is-27 u t-28 ta' Mejju 2017 ġewwa l-Forti Sant' Iermu, l-Belt Valletta, u f'dawn il-Gżejjer :

    i. ikkommettew serq ta' diversi ħwejjeġ, żraben, u basktijiet liema serq huwa kwalifikat bil-ħin, bil-persuna u bil-valur li huwa iżjed minn 232.94 iżda mhux iżjed minn €2329.27 a detriment ta' Adrian Joseph Zammit ;
    ii. li kisru xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Gwardjani Lokali, Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tikkundanna lill-imputati tordna li dawn ikunu skwalifikati milli jkollhom jew jiksbu, għal dak iż-żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq, dak il-warrant, liċenza, permess jew awtorita u ċjoe liċenza ta' Gwardjan Privat maħruġ mill-Kummissarju tal-Pulizija.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti wara li rat li l-Uffiċjal Prosekutur speċifikat li permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputati kienu qegħdin jiġu addebitati bir-reat taħt l-artikolu 25(d) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata u imtennija reġistrata mill-imputati, sabithom ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom u b'applikazzjoni tal-artikolu 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta poġġiethom taħt ordni ta' probation u servizz għal perjodu ta' tmintax il-xahar b'obbligu li jagħmlu erbgħin siegħa servizz fil-komunita skond kundizzjonijiet mehmuża ma' dik is-sentenza. Inoltre l-Qorti skwalifikathom minn kull liċenza taħt il-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tmintax il-xahar u dan wara li dik il-Qorti qieset in-natura tar-reati miġjuba kontra tagħhom, il-kooperazzjoni tagħhom mal-Pulizija, l-ammissjoni bikrija, u l-fedina penali tagħhom, nonche r-rakkomandazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation li tpoġġihom taħt ordni ta' probation, speċjalment tenut kont tal-fatt illi huma għamlu tajjeb għar-*res furtiva*. Biss dik il-Qorti kienet tal-fehma wkoll li tiskwalifika lill-imputati mill-liċenzja taħt il-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi Vincent AGIUS u Mario GRIMA appellaw minn din is-sentenza fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjarahom mhux ħatja tat-tieni imputazzjoni skont l-artikolu

25(d) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkonfermaha in kwantu sabithom ħatja tal-ewwel imputazzjoni u poġġiethom taħt ordni ta' probation u servizz għal perjodu ta' tmintax il-xahar b'obbligu li jagħmlu erbgħin siegħa servizz fil-komunita bil-kundizjonijiet elenkati fid-digriet jew alternattivament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu u kif sabet lill-esponenti ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom u tirriformaha kwantu għall-piena billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern.

4. Fi ftit kliem l-appellanti jikkontestaw l-iskwalifika tal-liċenzja tagħhom għal żmien tmintax (18) il-xahar u dan fuq żewġ punti ta' dritt. Il-Qorti tal-Maġistrati iddeċidiet li titratta magħhom skond l-artikolu 25(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk ma setgħet qatt tordna l-iswalifika tal-liċenzja maħruġ favurihom skond il-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minħabba dak indikat fl-istess subinċiż (2) tal-artikolu 25 tal-Kap 446. In oltre l-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta ma kien jagħti s-setgħa lil Qorti sabiex tiskwalifikahom minn din il-liċenzja u dan peress illi huwa biss il-Kummissarju tal-Pulizija li għandu din is-setgħa bi dritt ta' Appell lill-Ministru kkonċernat. Meta l-leġislatur ried jagħti din is-setgħa lill-Qorti, hu għamilha ċara fil-liġi.

***Ikkunsidrat***

5. Illi l-appellanti kienu ġew ingaġġati bħala Gwardjani tas-Sigurtà Privata bejn il-lejl tas-27 u t-28 ta' Mejju 2017 sabiex jagħmlu skorta

ma maħżen waqt attivita' fil-Belt Valletta. Wara li sar rendikont tal-affarijiet li kien hemm fil-maħżen, rriżulta li kien hemm xi ħwejjeġ nieqsa. Sussegwentement sar rapport mal-Pulizija fejn bdew l-investigazzjonijiet li waslu sabiex l-appellanti ġew arrestati u tressqu l-Qorti kif mixlija.

6. Illi dan l-appell huwa limitat għall-piena, partikolarment għal dak li jirrigwarda l-iskwalifika ordnata mill-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward tal-liċenzji maħruġa taħt il-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanti jistħqu illi l-Qorti ma setgħetx timponi dik l-iskwalifika kemm minħabba dak dispost skond l-artikolu 25(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta li fil-fehma tagħhom jippreskludi l-iskwalifika ta' liċenzji meta l-Qorti timponi ordni ta' probation u servizz fil-komunita' fost oħrajn u fit-tieni lok dik l-imposizzjoni kienet prekluża anki fid-dawl ta' dak dispost mill-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta stess fejn jingħad li l-liċenzji maħruġa taħtha ma jistgħux jiġu rtirati ħlief mill-Kummissarju tal-Pulizija bi proċedura speċifika inkluż waħda tal-appell jew reviżjoni dejjem skond dak ravviżat taħt l-istess Kapitolu tal-Liġi.

7. Sussidjarjament l-appellanti jitolbu li anki jekk din il-Qorti ma taqbilx ma dawn l-interpretazzjonijiet legali għandha xorta waħda tqis it-tneħħija tal-iskwalifika in kwistjoni peress illi mingħajr tali liċenzja/i l-appellanti ma jkunux jistgħu jaħdmu u x'aktarx isibu diffikulta' sabiex jaħdmu mill-ġdid bħala Gwardjani ġaladarba t-terminu preskritt mill-Qorti jgħaddi.

8. Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel argument legali l-artikolu 25 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk :

> (1) Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, minbarra –
> (a) il-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kullproċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħatitaħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u
> (b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kullproċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuqdak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi talidikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat:
>
> Iżda meta ħati, li jkollu mhux inqas minn tmintax-il senaetà fiż-żmien tad-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat li dwaru jitqiegħedtaħt sanzjoni komunitarja jew jiġi kondizzjonalment liberat kifhawn qabel imsemmi, sussegwentement jingħata sentenza għal dakir-reat, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom itemmu japplikaw għal dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija.
>
> 2. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' ħati li jitqiegħed taħt probation, fuq ordni ta' servizz fil-komunità, fuq ordni ta'probation u servizz jew li jiġi liberat għal kollox jew kondizzjonalment kif hawn qabel imsemmi għandha f'kull każ tiġi mwarrba għall-finijiet ta' kull liġi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, disabilità jew xi piena oħra fuq persuni b'dikjarazzjoni ta' ħtija.

9. Illi skond l-appellant id-diċitura tas-subartikolu (2) jeskludu l-applikazzjoni ta' l-iskwalifika fid-dawl tal-fatt illi l-appellanti qedgħin jitqegħdu taħt Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunita'.

10. Dwar dan il-punt l-appellanti għandhom raġun. Din il-Qorti irriċerkat id-debattiti parlamentari sabiex tkun tista' tifhem eżattament l-interpretazzjoni li l-leġislatur Malti ried jagħti lil din id-disposizzjoni tal-Liġi. Il-Ministru tal-Ġustizzja ta' dak iż-żmien,

l-Onorevoli Tonio Borg jagħti raġun lill-appellanti. Anzi, iġib eżattament l-eżempju ta' gwardjani privati biex jispjega x'ried ifisser biha din id-disposizzjoni tal-Liġi. Infatti kellu dan xi jgħid dwar din id-disposizzjoni:-

**Klawsola 25 –** Effetti ta' sanzjoni komunitarja u liberazzjoni.

***Clause*** *25 - Effects of community sanction and discharge.*

**ONOR. TONIO BORG:** Din il-klawsola titkellem dwar x'inhuma l-effetti ta' sanzjoni komunitarja u liberazzjoni. Din hija importanti għax ħafna drabi l-ġudikanti u anke l-pulizija jinsew li ordni ta' *probation* jew xi forma ta' *community sanction* bħala regola ma titqiesx bħala *conviction*. Ġieli kelli appelli ta' gwardjani privati jew gwardjani lokali li għaxar snin ilu jkunu nstabu ħatja ta' reat ta' serq, u allura mhux suppost li tinħargilhom il-liċenzja ta' gwardjani lokali jew privati. Però din il-liġi tagħmilha ċar u tond li jekk jingħataw *probation* - u din hija meħuda kelma b'kelma mill-*Probation Act* – ma titqiesx bħala *conviction.* L-unika darba li titqies bħala *conviction* hija meta jkun hemm it-tieni reat. Dik hija *conviction* għax inti tiġi qisek reċidiv.

Meta sirt Ministru kont naf li kien hemm xi ħaġa simili, imma ma kontx ċert dwarha. Iċċekkjajtha u sibt li hekk hi, jiġifieri m'aħna nagħmlu xejn ġdid hawnhekk. Dik ma titqiesx bħala *conviction.* Jiġifieri ma tistax ma tagħtix liċenzja ta' gwardjan lokali għax xi darba l-individwu jkun ingħata *probation order.* Infatti *conviction* ta' *probation order* ma tkunx tidher fil-kondotta. Hawnhekk irrid ngħid li hemm differenza bejn il-*fedina penale* u l-kondotta. Hemm ċerti affarijiet li jibqgħu fil-kondotta, jiġifieri jekk immur infittex f'dik tal-pulizija nista' nsib ċerti affarijiet li mbagħad fiċ-ċertifikat ma jidhrux. Imma għal kull skop ieħor tal-liġi - u issa se nżidu l-*community service* ukoll - kwalunkwe *community sanction* u kwalunkwe applikazzjoni ta' xi provvediment taħt dan l-Att - għalkemm hija *conviction* għax inkella tiġi liberat, ma teħux *probation* - ma titqiesx bħala *conviction*. Se naqra subklawsola 25(2):

"Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, id-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' ħati li jitqiegħed taħt *probantion,* fuq ordni ta´ servizz fil-komunità, fuq ordni ta' *probation* u servizz jew li jiġi liberat għal kollox jew kondizzjonalment kif hawn qabel imsemmi għandha f'kull każ tiġi mwarrba għall-finijiet ta´kull liġi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, ..."

- Għalhekk semmejt il-*private wardens* -

"... disabilità jew xi piena oħra fuq persuni b'dikjarazzjoni ta' ħtija."

Imbagħad hemm l-eċċezzjonijiet. Għaldaqstant, apparti fil-każ ta' proċeduri li jittieħdu taħt il-*Probation Act* stess jew inkella proċeduri dixxiplinari fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, ordni ta' *probation,* ordni ta' servizz, jew liberazzjoni għal kollox jew kondizzjonata m'għandhiex titqies bħala *conviction.* Din il-klawsola hija meħuda kelma b'kelma mill-artikolu 12 ta' l-Att dwar il-*Probation* ta' Ħatjin, il-kapitlu 152 li kien hemm sal-lum.

***Ikkunsidrat:***

Illi stante li din il-Qorti sejra tilqa l-ewwel aggravju, hija sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni aggravju.

# *Deċide*

Għal dawn il-motivi il-Qorti qegħda tilqa' l-appell ta' Vincent AGIUS u Mario GRIMA billi tirriforma s-sentenza appellata b'mod li tħassarha biss f'dik il-parti fejn skwalifikat lill-appellanti minn kull liċenza taħt il-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tmintax il-xahar, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***